MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Numru. 342/2003

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
EDMOND TONNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edmond Tonna bin il-mejjet Joseph u il-mejta Josephine nee Gallo, imwieled Pieta fit-18 ta' Dicembru 1967 u joqghod 198, Akantara, Triq it-Turisti, Bugibba ID 22868M talli fil-5 t'April 2003, ghal habta ta' bejn l-10pm u l-10.30pm waqt li kien f triq il-Halel, Bugibba, attakka lil Christopher Briffa u wara li tah diversi daqqiet fuq il-persuna tieghu, ikkagunalu offiza ta' natura gravi f'imniehru u dan skond ma kif iccertifika Dr Andrei Grubor ta' l-isptar San Luqa.

Barra min dan waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt fuq il-persuna tieghu arma regolari (sikkina) u talli bl-istess arma hedded lill-istess Christopher Briffa, u talli kellu fil-pussess tieghu u garr l-istess arma minghajr

licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u l-glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fit-3 ta' Novembru 2003 l-imputat obbliga ruhu li bl-ebda ma jimmolesta, jdejjaq jew jkellem lil Christopher Briffa u/jew lil familja tieghu.

Ghal dan il-ghan il-kwerelanti ghazel li ma jixhidx u irrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah fil-waqt li tiddikjara il-procediment ezawrit ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------